# Rapport Amministrattiv tas-sena 2014.

## Laqgħat tal-Kunsill

Il-Kunsill iltaqa' għal 18 il-darba matul is-sena 2014. Is-Sindku, flimkien mal-kunsilliera, kienu preżenti għal kull laqgħa, jew inkella kienu skuzati minn qabel.

Saru wkoll bosta laqgħat ma' entitajiet u organizzazjonijiet li l-Kunsill ra benefiċċji grazzi għall-korrespondenza magħhom. Dawn jinkludu l-pulizija, kumpaniji privati, funds managers, MEPA, il-MTA, il-Perit, Transport Malta, eċċ.

## Proġetti li saru matul din is-Sena

- Użu tas-Sala

    1. Lezzjonijiet tat-Taljan u Accounts [Life Long Learning Programme]
    2. Ġinnastika[1] u Żumba
    3. Day Centre[2]
    4. Kors tad-Drama għat-tfal u żfin[3]

- Kontinwazzjoni tal-Proġett tas-Southern Itenaries flimkien mal-MTA u l-kunsilli tal-Imqabba, Il-Qrendi u Ħal Kirkop

- Kontinwazzjoni tal-awdjovisual tar-raħal.

- Kontinwazzjoni tal-bini tal-I.T Room.

- Xogħol ta' tisbieħ [Ġnien il-Ħelsien].

---

[1] Bħas-snin preċedenti
[2] Bħas-snin preċedenti
[3] Bħas-snin preċedenti

**Applikazzjonijiet ta' fondi**

- Il-Kunsill applika għal fondi kulturali. Il-Kunsill ħa €2000 għal Festa Agrikultura u Frott u €3500 għal Milied Safi.

- Gal Xlokk: Il-Kunsill akwista fondi għall-attivitajiet edukattivi għat-tfal tal-iskola. Il-fondi se jittieħdu f'2015. Il-Kunsill se jorganizza attivita fis-sena 2015 b'fondi li ġew allokati għall-Kunsill f'2014 [€17,500]

- Il-Kunsill applika għal diversi fondi mid-Dipartiment. Il-Kunsill talab għal fondi għall-attivitajiet sportivi, għal librerija, għall-attivita kulturali, eċċ.

- Il-Kunsill ħa €500 għall-użu tan-Nursery grazzi għar-Reġjun Nofsinhar. L-istess Reġjun Nofsinhar ta €1000 għall-użu tal-librerija.

- Il-Kunsill baqa jinsisti fuq fondi għal:

    1. Child Care Centre[4]
    2. Ix-shelters[5]
    3. Il-Ġnien ta' Ball[6]
    4. Il-Playing Fields
    5. L-awdjovisual
    6. L-I.T Room
    7. Ġnien il-Ħelsien

izda s'issa ma rċevejna xejn għal dawn il-proġetti, barra tal-I.T Room fejn il-Kunsill għandu jieħu €15,000 re Proġetti Kapitali.

**Servizzi tal-Kunsill**

- Bulky Refuse: Is-servizz ta' Bulky Refuse sar kull nhar ta' Ħamis filgħodu.

- Go Telephony: Dan is-servizz baqa għaddej sal-1 ta' Frar 2014 meta l-Go bagħtu ċirkula li klijenti għandhom iħalsu l-kontijiet tagħhom il-MaltaPost.

- Librerija: Il-librerija hija miftuħa kull nhar ta' Tnejn [5-7pm], it-Tlieta [10.30-12.30pm], il-Ħamis [3.30-5.30pm] u s-Sibt [9-12am]..

[4] Il-Kunsill għadu ħallas l-amonti dovuti lejn il-Perit rigward dan il-proġett.
[5] Il-Kunsill għadu ħallas l-amonti dovuti lejn il-Perit rigward dan il-proġett.
[6] Il-Kunsill għadu ħallas l-amonti dovuti lejn il-Perit rigward dan il-proġett.

- Il-Kunsill ma jieħu l-ebda ħlas għas-servizzi li qegħdin isiru fis-sala [l-ewwel punt tal-proġetti].

- Nursery: Il-Kunsill, flimkien mal-kowċes, ħadem ferm biex it-tfal igawdu n-nursery ta' Ħal Safi. F'2014 il-Kunsill sponsorja ħafna attivitajiet tan-nursery, waqt illi kompla joffri l-użu tal-grawnd għar-residenti, kif ukoll għan-nies ta' barra r-raħal [hemm ħlas ta' €25 fis-siegħa]. Il-Kunsill baqa jaħdem ma tlett kowċes.

- GreenPak: Kull nhar ta' Tlieta l-GreenPak jiġbru l-boroz il-ħodor għall-iskart reċiklabbli. L-ewwel nhar ta' Ġimgħa ta' kull xahar isir il-ġbir tal-ħġieġ.

- Il-Kunsill baqa jagħmel użu tal-ħaddiema tal-IPSL fejn għamel użu ta' ħaddiema tal-IPSL għal bini tal-I.T Room ukoll. Il-Kunsill uża wkoll is-servizz ta' 3 applikanti mill-ETC li ħadu ħsieb il-manutenzjoni tar-raħal, kif ukoll ħaddiema oħra taħt programm speċjali.

- Il-Kunsill fetaħ uffiċju għas-servizzi soċjali fil-propjeta tal-Kunsill fl-aħħar. Dan ikun miftuħ kull ġimagħtejn [nhar l-Erbgħa] u baqa għaddej matul 2014

- Il-Kunsill baqa jiftaħ kuljum matul il-ġimgħa bejn it-8am u l-5pm, kif ukoll is-Sibt bejn 8am u 11.30am. Fis-sajf il-ħinijiet tal-ftuħ kienu bejn it-8am u 1.30pm, waqt illi l-ħinijiet tas-Sibt baqgħu l-istess. Anki meta l-Kunsill kien 'short-staffed' fl-ebda ġurnata matul is-sena l-Kunsill staqsa permess biex jagħlaq għal xi ħin.

**Ħarġiet**

- Ħarġa għal Għawdex: 30/05/2014

- Ħarġa Kulturali: Ħeritage Malta: 31/10/2014.

- Captain Morgan: dawra ma' Malta/Kemmuna.

- Ġita sa Sqallija: Il-Kunsill organizza ġita għal Sqallija: 29/06/2014 u 1/11/2014

**Attivitajiet**

- Jum Ħal Safi: F'April il-Kunsill organizza l-festa annwali ta' Jum Ħal Safi. Fost l-attivitajiet kien hemm wine/pizza night, wirja tal-arti tal-artist is-sur George Large, il-Premju Onorefiċenzja u show tat-talenti tat-tfal.

- Nursery: Il-Kunsill organizza l-End of Season tan-nursery għat-tfal li ġew għat-training matul l-istaġun.

- SkolaSajf: Il-Kunsill, bl-għajnuna tas-sinjorina Dorianne Zammit Briffa, organizza Skola Sajf fejn 'il fuq minn ħamsin tifel u tifla ħadu vantaġġ ta' din l-opportunita biex jitgħallmu, kif ukoll biex jieħdu pjaċir u jissoċjalizzaw, fiż-żmien tas-sajf.

- Il-Kunsill qassam 'hampers' għall-anzjani kollha li ma joħorġux mid-dar u lil Ħal Safin li huma residenti fid-djar tal-anzjani barra r-raħal. Il-Kunsill ukoll organizza parti għat-tfal tar-raħal kollu, kif ukoll ikla tal-anzjani ġos-sala tal-iskola, illi dawn iż-żewġ attivitajiet kienu suċċess kbir.

- Kunċert: Għaqda Poeti Maltin [05/06/2014].

- Re-enactment tal-battalja bejn l-Inglizi u l-Franċizi [06/04/2014]

- Milied Safi [13 u 14 ta' Diċembru]

- Festa Agrikultura u Frott [14 ta' Novembru]

- Treasure Hunt għat-tfal [Novembru].

**Kuntratti**

- Il-Kunsill ħareġ kwotazzjoni għas-servizzi:
  1. għat-tneħħija ta' 2 siġar f'triq il-Ħajt Ruman izda ma kien hemm bzonn Tender għal dan is-servizz. Dan sar f'2013 izda x-xogħol sar f'2014
  2. għat-tisbeħ tal-ġnien "il-Ħelsien"
  3. Street Sweeping.
  4. Bulky Refuse.

Il-Kunsill xtara kameras tas-CCTV izda ma kienx hemm bzonn Tender għax-xiri ta' dawn il-kameras. Il-Kunsill kien ħareġ sejħa f'2012 fejn kumpaniji kellhom jiġu jaraw x'tip ta' kameras kien hemm bzonn madwar ir-raħal izda l-Kunsill qatt ma daħħal fl-ebda kuntratt ma' dawn il-kumpaniji għax qed jaħdem b'mod fejn kameras qegħdin jinxtraw '1 by 1' u l-prezzijiet jaqaw taħt l-ammont ta' Tender. Il-Kunsill se jieħu fondi għax-xiri ta' dawn il-kameras mir-Reġjun Nofsinhar.

**Accounts**

- Il-Kunsill kellu dħul ta' €250,900 fis-sena 2014. Minn dawn €234,127 kienu allokati mill-Gvern, €2,494 kienu minn kontravenzjonijiet, €3,494 mill-Bye Laws u €10,785 mid-dħul ġenerali.

- L-infieq tal-Kunsill ammonta għal €256,867 matul is-sena fejn €105,344 kienu mħalsin għall-manutenzjoni u xogħolijiet oħra, waqt li €73,071 kienu spejjez amministrattivi..

- L-accounts tal-Kunsill juru telf ta' €5,798. Dan it-telf qed jidher għax:

1. Żdiedu l-ammont t'attivitajiet fir-raħal
2. Il-kontijiet amministrattivi huma izjed għoljin
3. Kien hemm żieda fl-ammont ta' kuntratturi tal-Kunsill u ġġeddu ftit minnhom bi paga aħjar.
4. Il-Kunsill m'għadux jieħu l-flus tal-LES bħal qabel Settembru 2011. Għall-ewwel sena sħiħa l-Kunsill ħa t-10% 'administration fees' biss.
5. Bdew isiru pagamenti fuq proġetti kbar bħal tal-I.T Room.
6. Fl-istess ħin il-Kunsill għandu jonfoq il-baġit tas-sena u fl-ebda ħin m'għandu jopera b'sistema fejn jagħmel il-qliegħ. Il-Kunsill jonfoq il-flus b'mod responsabbli u jidher ċar illi l-Kunsill ħadem sew fejn jidħlu finanzji matul 2014.

Għalhekk wieħed jista jara li fil-fatt il-Kunsill baqa konsistenti, u responsabbli, fejn jidħol l-infieq ġenerali tal-Kunsill. Skond il-previzjoni tal-financial statements, il-Kunsill ħa €10,113 inqas mis-sena 2013 u neffaq €4531 inqas. Dawn l-ammonti huma skond l-*unaudited financial statements* li ġew iffirmati f'April.

**Proġetti pendenti**

**Proġett ta' tisbieħ f'Misraħ San Mattew/triq il-Ħajt Ruman**
**ATM: bini tal-kamra għall-ATM**
**Proġett ta' tisbieħ fl-area Ta' Ġawħar.**

**Dawn huma kollha previsti għas-sena 2015.**

**Il-Kunsill għandu l-ħsieb illi jibda Night Shelter izda x'aktarx dan mhux se ssir fis-sena 2015.**

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv
Ħal Safi